# IL-MOHBA TA' GANNI

Ganni ddritta dahru u pogga jistrieh fuq siggu ghax kien ghejja jhawwal il-pjanti li kien qed jipprepara biex jaghtihom il-kappillan halli jbieghhom fil-fiera ta' qabel il-festa TAL-Milied u b'hekk izid id-dhul ghall-festa tal-patrun tar-rahal. Issa kiber u ma kienx jiflah jahdem l-ghalqa. Kien imur hemm biex jedha ftit. Ta harsa lejn is-sema u qal b'lehen gholi qisu kien qed jitkellem ma' xi hadd: "Ghal zmien il-Milied maltemp ghandna."

Kien romol snin ilu u martu Tereza hallietu b'zewgt itfal, binhom Guzeppi u binthom Emilja. Issa kienu kibru, Guzeppi zzewweg u kellu tifel li kien l-ghaxqa ta' Ganni nannuh, imma Emilja kienet ghadha xebba. Malli daqq nofs in-nhar, Guzeppi refa' kollox u telqilha lejn id-dar biex jipprepara xi ikel halli jiekol hu u bintu Emilja meta terga' lura mix-xoghol.

Kienet l-ghaxqa tieghu li wara l-quddies tal-Hadd jerhilha ghand "Kaboccu" biex jixrob tazza te jew kafe ma' zewg pastizzi shan. Hemm jiltaqa' ma xi zewgt ihbieb u jghidu kelmtejn. Wara li jiekolhom kien jitlaq lejn id-dar. Il-kumpannija kien jahrabha ghax kien jghid li jekk tkun fiha tonfoq hafna flus, thallasek hi, imbaghad thallas inti. Erba soldi ahjar kien jerfghahom ghal-uliedu. Rari li kont issibu

f'kumpannija hlief ghal-leljiet il-festa tal-patrun tar-rahal.

Kien f'wahda minn dawn l-okazzjonijiet li Ganni sab ruhu jixrob xi tazza jew tnejn imbid. Ihallas u ihallsulu…hekk sejra d-dinja….u din mhux ta' darba kien jghid lilu niffsu. U d-diskors waqa' fuq kemm kienu nizzlu r-rati ta' l-imghax il-banek. "Jien ghalhekk ma nqieghedx flus il-bank ghax narahom ma jimxux tajjeb,"qal Ganni lil shabu," tmur tissellef jixorbuk bl-imghax u tmur tigbed l-imghax ta' flusek ma issib xejn."



"Imma jkunu fis-sigurta'," lissen Marju.

Ghela' li qal dak il-kliem ghax beza' li xi hadd jisimghu u jahseb li ghandu l-flus. Gidem ilsienu u xtaq li ma kien qal xejn. Imbaghad biex iwitti dak li kien qal kompla, " Wara kollox ma ghandix x'inpoggi ghax dak li naqla niekluh."

"Eh," mill-gdid qallu Marju, "il-flus ma jwerzqux."

"Ghandi zgur li le," wiegbu lura Ganni.

Dak il-hin il-kliem waqaf f'daqqa ghaliex ma setghux jiftiehmu

aktar bejntihom billi l-banda waqfet quddiem il-hanut u bdiet iddoq marc. Hargu kollha barra bit-tazza ta' l-imbid f'idejhom u qaghdu jitpaxxew jisimghu n-noti tal-muzika.

Meta Ganni rega' lura d-dar hsiebu kien f'dak li qal, imma malajr nesa' kollox meta tefa' rasu fuq l-imhadda u baqa' rieqed sa l-ghada filghodu.

Jum wiehed, hafna wara din il-grajja, dahal id-dar mill-ghalqa u ra d-dar kollha imqallba. Tatu rasu gera' ma' kullimkien u hlief dizordni ma rax. Kxaxen miftuha u hwejjeg imqallbin, is-saqqu tas-sodda ma' l-art, l-ghamra imgerrija minn postha. Xejn ma insteraq ghax il-halliel kien biss li jisraq il-flus. Il-flus ma sabhomx u telaq lura xott bhal frawli. Xorti kbira li martu Tereza ma kienitx hemm izda mal-kappillan li organiiza jum ta' irtir. Gera' lejn ir-rokna tal-kamra tas-sodda, hares 'l fuq lejn is-saqaf u ra li l-mohba fit-travu ma kienitx minsusa. Ha nifs 'l gewwa, gab sellum u tela' jara li kien hekk halli jkun cert. Iva l-mohba tieghu kienet helsitha minn id l-halliel. Irranga kollox kif seta' biex martu ma tkunx taf x'gara.

Kull Dicembru, Ganni kien jaghmel swied il-qalb kbir ghaliex kien jiftakar li martu hallietu fil-jiem tal-Milied. Ma jinsieh qatt dak il-jum meta waqt li kien qed ikellem lil martu, Tereza waqghet u mietet zobtu. Uliedu kienu jaghmlu dak li hu possibbli biex idderrulu xi ftit. imma l-ferita' ghalkemm imfejqa thalli l-marka taghha.

“Pa,” qaltlu Emilja meta giet mix-xoghol, “cempilli hija

Guzeppi u qalli biex fil-Milied nghaddu gurnata ghandhom."

"Bhas-soltu , mhux hekk? Mela mmorru."

"Pa ghandi nghidlek xi haga," qaltu Emilja dubjuza jekk dik l-ahbar kienitx ser tferrhu jew izzidlu fid-dwejjaq. " Ghandi guvni, iltaqjt mieghu x-xahar li ghaddha u qed nohorgu flimkien bis-serjeta'. Ma ghidtlikx qabel ghax ridt nara li hsiebu kien serju u mhux ghall-kumpannija.'

Missierha ferah, awguralha u staqsieha elf mistoqsija. Qalilha fl-ahhar li xtaq jiltaqa' mieghu u hi wegbitu li jkun jista' jaghmel dan meta jkunu ghand huha jieklu.

"Mela huk kien jaf qabli u l-povru missierek li ghalih inti l-mimmi t'ghajnejh hallejtu fil-ghama," qalilha b'ton ta' inkejja.

"U le missier, kollox bil-pass tieghu," wegbitu biex bhallikieku ma jiehux ghalih.

"Ara Emilja meta tizzewweg hu din id-dar u lil hallili l-kamra ta' wara l-gnien. Ma nhiex bi hsiebni ndejjaqkom. Jiena immur noqghod fil-kamra ta' l-ghalqa, biss ghall-lejl nigi norqod hawn fil-kamra ta' wara l-gnien."

"Missier, inti toqghod hawn u nkompli niehu hsiebek jiena. Gino mhux ser jiddejjaq anzi qalli li jhossu komdu jkollu t-tieni missier tieghu. Lil ommu ma jafhiex ghaliex tilifha waqt li kien qed jitwieled u meta kellu sitt snin missieru miet b'disgrazzja.

Kienu s-sorijiet ta' l-istitut li rabbewh sa meta kiber, imbaghad telaq ghar-rasu."

"Ma ghidtlix x'jahdem?

"Ma' kumpannija privata, bhala fotografu."

U d-diskursata baqghet sejra sat-tard bil-missier jistaqsu u l-bint twiegeb.

Iz-zmien igerbeb u ma jistenna lil hadd. Jum war l-iehor, xahar wara xahar u hekk Gino u Emilja mhux biss izzewgu izda kienu ser isiru missier u omm. Ganni kien ferhan ser itir li ghal darb'ohra kien ser ikun nannu. U aktar ferah meta qaltlu li lit-tarbija kienu ser jaghtuha l-isem ta' Tereza Cristina billi din il-hlejqa kienet ser tara d-dawl tad-dinja fi zmien il-Milied. Dan kien l-isem li jfakkru f'martu. Kemm kienet tifrah kieku ghadha hajja.!

Imma x-xitan ma ghandux halib u ried li jinkwieta lil Ganni fl-ahhar ftit zmien tat-tqala. Waqt it-twelid Emilja kienet qed tilghabha mal-mewt. Inkwieta u xtaq jaghti kollox sahansitra lil hajtu biex Emilja tghaddiha lixxa u t-tarbija titwieled qawwija u shiha. Wieghed li jekk kollox imur tajjeb jaghti somma flus lill-missjoni biex biha jsir sacerdot.

Wara tlett gimghat ta' taqtieghih il-qalb Emilja rritornat lura lejn id-dar qawwija u shiha, imma taf b'kollox b'miraklu lid-Duluri li taghha tant kienet devota. Ganni ried izomm kelmtu

u mar ghand il-gwardjan tal-Kapuccini u tennielu dak li kien wieghed. “Tajjeb,” qallu l-gwardjan,” niktbu kollox biex kollox ikun rett. Erga’ ghidli x’jismek?”

“Jiena jisimni Ganni, imma ma rridikx tnizzel xejn. Aghmel li din kienet karita’ anomina.”

“Le, le. L-ahjar inhalli kollox ezatt ghal min jigi warajja,” wiegbu l-gwardjan.

“Mela ninsew kollox ghax ma rridx nuri ismi.”

“Ara kif naghmlu. Innizzel isem iehor, imma li jkun tieghek.”

“Kif jista’ jkun dan. Jien wiehed ghandi.”

“Le ghadek ma fhimtnix. Il-parrinijiet tieghek zgur li tawk ismijiet ohra meta haduk biex titghammed. Ganni hu l-ewwel isem tieghek li riedu jaghtuk il-genituri tieghek. Ghidli wiehed milli tawk il-parrinijiet.”

“Guzeppi,” wiegbu Ganni.

“Hekk ahjar. Jiena nnizzel Ganni u Guzeppi flimkien u niktibhom bhala Ganguzepp Curmi etc. etc Meta xi hadd jaqra Ganguzepp Curmi zgur li mhux ser jigih f’mohhu li kont inti li ghamilt din il-karita’. “

Ghogbitu din l-idea u accetta. U hekk Guzeppi hass li hallas

id-dejn li kellu mal-Mulej tal-grazzja li ta lilu u lil bintu Emilja.

Meta Ganni ra li l-ahhar jiem tieghu kien fil-qrib, sejjah lil uliedu u qalilhom:" Araw uliedi, jiena hallejt l-ghalqa lil huk Guzeppi, u din id-dar lilek Emilja. Xi ftit tal-flus u hajta deheb li kienet ta' ommok ghandi ukoll. Meta mmut aqsmuhom bejnitkom. Dawn jinsabu mohbija f'hofra got-travu tal-kamra tas-sodda tieghi."

"Missier dan genn tieghek li thalli l-flus hemm."

"Le, le Emilja, ahjar milli qeghdin f'bank. Jista' jfalli u tibqa' b'xejn, jew ma jaghtikx dak li jisthoqqlok f'interessi. Darba ippruvaw jisirquni, qalbuli kullimkien, imma ma sabuhomx ghax kienu fiz-zgur."